**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 3 ta' Gunju 2025**

Rikors Numru: 08/2025 AL

AB

u

CD

(M.R. Numru 76 /1996)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors konġunt li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tieghu esponew:

Illi l-kontendenti zzewgu fit-23 ta' Jannar 1996 u dana skond kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg. (Dok A)

Illi sussegwentament il-kontendenti sseparaw de facto minn xulxin aktar minn sentejn ilu.

Illi miz-zwieg taghhom ma kienx hemm tfal u kull wahda mill-partijiet qieghda tirrinunzja li titlob manteniment mill-parti l-ohra b'mod reciproku.

Illi ma tezisti ebda possibilita ta' transazzjoni bejn il-partijiet u ma hemmx pendenzi bejniethom li jirrigwardaw manteniment stante r-rinunzja.

Illi l-esponenti jixtiequ li jiksbu d-divorzju taz-zwieg taghhom minn xulxin.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghġobha tippronunzja l-hall taz-zwieg bejniethom u dana ai termini tal-artikolu 66A et seq. tal-Kapitolu 16 tal- Ligijiet ta' Malta w taghti dawk il-provedimenti opportuni fic-cirkostanzi.
Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Jannar, 2025;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom de facto separati għal aktar minn sentejn u legalment separati mill-10 ta' Jannar 2025;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir *res judicata* javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.